SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-ħamsa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2010 fit-8:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

3.0 **Korrispondenza**

3.1 Is-Sindku fakkar fil-Press Conference li għandha ssir mas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said rigward il-*launching* tal-Mascot konness mal-Kampanija Lokalitajiet indaf li ser issir nhar il-Ħamis 2 ta' Diċembru 2010 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

3.2 Saret referenza għall-isports tournament li ser jiġi organizzat mis-St. Laurence Spurs bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u li dan it-tournament jidħol bħala parti mill-ftiehem li għandu l-Kunsill mal-Club.

3.3 Sar qbil li għandna nżidu tabella oħra fi Triq Dun Salv Portelli, biex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb. Sar qbil ukoll li fl-avviż tal-Kunsill għandna ninkludu l-introduzzjoni ta' dawn it-tabelli u l-ħtieġa li għandhom jiġu osservati.

3.4 Ġiet trattata Memo 145 /2010 li tinkludi osservazzjonijiet kif maħruġa mill-Awditur General. Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu għar-rapport provdut ma' din il-Memo fejn l-Kunsill tagħna rnexxielu li jdaħħal nofs l-allokazzjoni bħala dħul addizjonali minn fondi ta' proġetti ewropej u skemi oħra.

**<u>4.0 Kontinwazzjoni tal-Proġett tal-Latrina tad-Dwejra</u>**

4.1 Is-Sindku semma li ġie kkuntatjat mid-Direttur tat-Turiżmu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn id-direttorat tiegħu qed juri l-interess li jiffinanzja bi sħiħ il-proġett tal-Latrina tad-Dwejra. Huwa talab lil Kunsill sabiex minn naħa tiegħu jgħin billi mill-ġdid jerġa jitfa' l-istess applikazzjoni għal permessi tal-MEPA li kienu ġew approvati snin ilu iżda billi l-proġett baqa' ma sarx dawn awtomatikament waqgħu. Il-Kunsill iddiskuta xi emendi zgħar fil-pjanti hekk kif proposti mid-Direttur flimkien mal-perit. Il-Kunsill qabel mal-emendi proposti u li mmedjatament għandna nipproċedu għall-applikazzjoni mal-MEPA u li għandu jiġi użat l-istess perit li kien mqabbad jiġifieri l-Perit Emanuel Vella.

4.2 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa ġibed l-attenzjoni sabiex waqt li jkun qed isir ix-xogħol għandna niġbdu l-attenzjoni tal-Ministeru sabiex jiġu provduti mobile toilets.

4.3 Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tiġi applikata kundizzjoni fit-tenders li x-xogħol għandu jintemm fi żmien xahar u jekk il-kuntrattur jaqbeż iż-żmien stipulat għandu jkun hu li jħallas l-ispejjes tal-*mobile toilets* għal dak iż-żmien żejjed.

## 5.0 Proġett tal-Kunsill taħt Eko-Għawdex u nkarigu ta' perit

5.1 Is-Sindku rrefera għall-Konferenza Stampa li saret fil-Ministeru għal Għawdex li għaliha kien mistieden il-Kunsill dwar l-iffinanzjar ta' proġetti li jaqgħu taħt l-Eco Gozo. Fil-Press Conference il-Ministru għal Għawdex ħabbret skema li għaliha kull Kunsill Lokali Għawdxi jista' joħroġ bi proġett ekoloġiku u għalih jieħu sa' massimu ta' €70,000 li jiġu 95% tal-proġett.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta xi proġetti jista' jwettaq bħalma huwa *family park*, tindif ta' widien, irranġar ta' ħitan tas-sejjieħ eċċ. Il-Kunsill qabel li għandu jimbarka fuq il-proġett tal-*family park* fit-Triq tad-Dwejra u li fih jinkludi sit fejn ibejjed il-barbaġann u wkoll lok għall-birdwatching. Il-Kunsillier John Mercieca issuġerixxa li għandna ngħidu lill-għaqda Birdlife biex tista' tgħinnha f'dan il-proġett tal-bird watching u tal-barbaġan. Il-Kunsilliera Luiġia Grima ssuġġerit li jekk jista' jkun għandu jiddaħħal ukoll il-proġett ta' bini mill-ġdid tal-ħitan tas-sejjiegħ li hemm fuq in-naħa l-oħra tal-Wied

5.3 Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nqabbdu lil Perit Chris Falzon biex ikun il-perit ewlieni ta' dan il-proġett, peress li diġa għandu għarfien ta' dan il-proġett u tal-inħawi.

## 6.0 Materji oħra.

6.1 Is-Sindku fakkar ukoll lill-kunsilliera li minn stharriġ li għamel dan l-aħħar irriżulta li għall-proġett tal-pjazza għandna wkoll €23,000 f'fond allokat f'idejn il-MEPA. Meta joqrob iż-żmien għandna napplikaw għal dan il-fond.

6.2 Is-Sindku ppropona u kien hemm qbil li għandna niġbru stimi għal erba' bankijiet tal-granit għall-bajja tad-Dwejra.

6.3 Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex biex ix-xogħolijiet fit-triq tad-Dwejra jimxu b'rittmu aktar mgħaġġel.

6.4 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' passaġġi bir-raba. Semma li għandna nibdew ftit ftit u nisħqu wara l-Gvern Ċentrali biex jgħinna fil-manutenzjoni tagħhom.

Il-laqgħa ntemmet fl-10:30 ta' filgħodu.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarja***